REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1123/2012

tas-26 ta' Novembru 2012

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod speċjali l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Hu f'loku li jkun ipprovdut li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Apparat (hekk imsejjaħ "detettur passiv tar-raġġi infrared") li jikkonsisti f'assemblaġġ ta' ċirkwit stampat f'qafas tal-plastik ta' dimensjoni ta' bejn wieħed u ieħor 11 × 7 × 4 cm. L-assemblaġġ ta' ċirkwit stampat huwa mgħammar b'sensur tal-infrared, elementi passivi (kapaċitaturi, reżistenzi), elementi attivi (transistors, ċirkwiti integrati) u dijodu li jemetti d-dawl. Huwa armat ukoll bi swiċċ tat-tip "dual in-line package", swiċċ għal kontra t-tbagħbis, blokk ta' konnetturi terminali b'kamin u ħruġ tat-tip semiconductor relay. Il-qafas jinkludi wiċċ li jirrifletti kif ukoll lenti. L-apparat jiġġenera sinjal li jilħaq massimu ta' 30 V DC, 50 mA. L-apparat huwa mfassal biex jibgħat sinjal elettriku lil apparat, bħal ma hi sistema ta' allarm jew inkella bieb elettroniku, meta jiġi identifikat xi moviment billi jinduna b'tibdil fit-temperatura.	8536 50 19	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tal-kliem użat fil-kodiċi tan-NM 8536, 8536 50 u 8536 50 19. Il-klassifikazzjoni bħala apparat elettriku li jagħti sinjali viżwali jew akustiċi taħt it-titlu 8531 hija eskluza peress li l-apparat m'għandux il-kapaċità li jagħti allarm minnu nnifsu. It-titlu 8537 ikopri bords, pannelli, pannelli għall-kontroll (consoles), skrivaniji, armarji u bażijiet oħrajn, armati b'biċċtejn apparat jew aktar ta' titli 8535 jew 8536. Peress li l-apparat għandu biss żewġ elementi tal-istess tip (żewġ swiċċijiet tat-tip semiconductor relay) il-klassifikazzjoni taħt it-titlu 8537 hija għalhekk eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għat-titlu 8537, esklużjoni (b)). Il-klassifikazzjoni taħt it-titlu 9027 bħala strumenti u apparat li jkejlu jew jivverifikaw kwantitajiet ta' sħana hija wkoll eskluża peress li l-apparat ma jkejjilx il-kwantitajiet iżda biss jinduna b'bidliet fit-temperatura biex awtomatikament jattiva apparat ieħor. L-apparat għandu l-funzjoni ta' swiċċ awtomatiku u għalhekk għandu jiġi kklassifikat bħala swiċċ għal vultaġġ li ma jaqbiżx is-60 V taħt il-kodiċi tan-NM 8536 50 19.